IL-BELT VICTORIA
RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX
Lulju - Awissu 1995
Nru. 85

# IL-KELMA TA' L-ARCIPRIET
# "Irridu nagħmlu Festa mill-Isbaħ"

Ix-xhur ta' April u ta' Lulju huma xhur marbuta mal-qalb ta' kull wieħed u waħda minna. Fit-23 ta' April niċċelebraw b'Solennita' l-Festa Liturġika ta' San Ġorġ, Megalmartri, fil-waqt li fit-tielet Ħadd ta' Lulju nagħmlu l-Festa Titulari lil dan il-Qaddis Kbir Patrun ta' Beltna u tad-Djoċesi Għawdxija.

Jiena ċert li kieku kellna nagħmlu Survey fost il-membri tal-Komunita' Parrokkjali tagħna u nitolbuhom igħidulna kif jixtiequha l-Festa li nagħmlu lil "iSan Ġorġ, żgur li l-maġġjoranza assoluta, biex ma ngħidx il-mija fil-mija twieġeb: ***"Nixtiequ li jkollna Festa mill-Isbaħ!"***

U bir-raġun. Hekk xieraq u hekk sewwa. Patrun Kbir jixraqlu Festa Kbira: festa li turi l-imħabba w ir-rabta li l-poplu Rabti u Għawdxi għandu lejn Ġorġi tagħna.

Imma tajjeb li nistaqsu: **Xi tfisser eżatt "Festa mill-Isbaħ"?**

Personalment b'**Festa mill-Isbaħ** nifhem festa mibnija fuq tlett affarijiet:

● *"Kbir il-Mulej fil-Qaddisin tiegħu!"* Iċ-ċentru tal-festa huwa HU. L-ebda statwa u l-ebda ħaġa jew okkażżjoni oħra ma tista' tieħu l-post tiegħu. Il-Festa ser tkun magħna biex toffrilna l-okkażżjoni nfaħħru 'l Alla meta naraw x'qaddis kbir għamel minn Ġorġi ta' Lidda, bniedem bħalna. Kien Alla li għażlu, waqaf miegħu, żejnu b'virtujiet tassew kbar, assistih fil-mumenti tal-prova, u tah il-premju tal-glorja dejjiema.

Ma tagħmilx sens il-Festa ta' San Ġorġ, jekk f'dawk il-jiem tal-festa u fil-jiem li jiġu wara ma nersqux lejn Alla fis-Sagrament tal-Qrar u f'dak tat-Tqarbin.

● Fil-Festa nesprimu mħabbitna aktar mis-soltu lil San Ġorġ. Il-Festa tiġi biex nikbru fil-vera devozzjoni lejn dan il-Qaddis Kbir. Dan iseħħ meta nagħrfu iżjed minn kien dan il-Gwerrier Żagħżugħ, Tribun fl-Armata Rumana, Nisrani li ma beżax jirriskja kollox biex juri l-fidi fi Kristu nsiru nixbħuh aktar. Il-ġrajja mdemma tiegħu mimlija



b'imħabba lejnKristu u l-Knisja tiegħu hija ta' eżempju kbir għalina ilkoll.

Iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi kollha, li nistgħu ngħidu huma l-qofol tal-Festa, jgħinuna biex nagħrfu aħjar lil San Ġorġ u b'hekk insiru nixbħuh u nħobbuh aktar. Ma tkunx Festa mill-Isbaħ għalik, jekk ma tieħux sehemfihom.

● Il-Festa tiġi biex tgħaqqadna flimkien. Matul il-jiem tal-Festa tara ħafna nies li jirritornaw lejn Belthom u Beltna. Jiġu minn irħula viċin, minn Malta kif ukoll minn pajjiżi tassew il-bogħod, l-Ingilterra, Kanada, Amerika, l-

*Ikompli f'paġna 6*

# IL-BELT VICTORIA

**RIVISTA TA' KULL XAHREJN**

*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita', Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*


## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

*17.06.95:*
**ABIGAIL MARIE,** bint Michael Farrugia u Gracie nee' Scicluna
*24.06.95:*
**DANIEL,** iben John Xuereb u Lorenza nee' Camilleri

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

*18.06.95:* GIOVANNI CASARINI u SANDRA CASSAR
*18.06.95:* DAVID FARRUGIA u CHARLOTTE CAMILLERI
*24.06.95:* RAYMOND XERRI u MICHELLE FARRUGIA

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

*02.06.95:* FORTUNATA GATT
*09.06.95:* TERESA GAUCI
*14.06.95:* CHRISTOPHER MIFSUD

## *Donazzjonijiet b'Risq ir-Rivista*

| | |
|---|---|
| Ant. Grech (Mi. U.S.A.) | $ 10 |
| Kan. Ant Cefai (Malta) | Lm6 |
| Jos. Grech (Nadur) | Lm2 |

## ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-GĦAXIJA:

*Matul il-Ġimgħa:* Fil-5.30pm u fis-7.00pm
*Ħdud u Festi* : Fil-5.00pm

## Monument f'gieh Mons. Isqof Guzeppe Pace

Wieħed minn ulied il-parroċċa ta' San Ġorġ li jixirqilhom il-qima tagħna huwa ċertament l-E.T. Mons. Guzeppe Pace, Isqof ta' Għawdex bejn l-1944 u 1972.

B'turija ta' din il-qima ser jitwaqqaf monument f'ġieħu fl-istess Knisja Parrokkjali u Bażilika ta' San Ġorġ li x-xogħol fuqu diġa' mexa sewwa 'l quddiem.

Dan il-monument qed isir mill-magħruf skultur Chev. Vincenzo Apap O.B.E. li ħadem fuq bosta monumenti ta' din ix-xorta kemm f'Malta kif ukoll barra minn pajjiżna, fosthom dak ta' Sir Winston Churchill (Ingilterra). Dante (Floriana), u l-Arċisqof Gonzi (Katidral, Mdina), Ix-xogħol fuq il-mudell dalwaqt jintemm u mbagħad kulma jkun jonqos hu li jsir fil-bronż - xogħol li ser jagħmlu l-bronżier Joe Chetcuti minn Malta.




# NICCELEBRAW

Ma jistax jonqos li malli tasal f'idejkom din il-ħarġa tar-rivista tagħna tkunu ġa mtlejtu b'entużjażmu kbir għax il-festa tal-Patrun tagħna u ta' Gżiritna tkun waslet.

Matul il-ġimgħa tal-festa l-Belt Victoria tilbes il-libsa tal-festa. Kulħadd jirranġa mill-aħjar li jista' biex ikollna festa li tixraq lill-Prinċep tal-Matri. Iżda dan m'għandux ikun kollox. M'għandniex inħallu l-affarijiet esterni jgħattu l-iskop ewlieni tal-festi tagħna. Aħna ċerti li kull Ġorġjan ikun ġa pprepara ruħu sewwa speċjalment jekk ikun laqa' l-appell tagħna biex matul il-Ħamisijiet bi tħejjija għall-festa, anke jekk ma kienx possibbli għalih jiġi sal-Bażilika tagħna, jiftakar f'dan il-kampjun tal-Martri u jipprova jgħix kemm jista' il-fidi li huwa jħaddan.

L-iskop tal-festa huwa li nagħtu ġieħ lill-Patrun tagħna, ta' Beltna u ta' Gżiritna u filwaqt li nroddulu ħajr għall-ġid kbir li jkun sawwab fuqna mit-tempju lilu dedikat matul is-sena li tkun għaddiet, nitolbuh jieqaf magħna fil-ġlieda li għandna kontra kull ħaġa li qed tipprova therri l-fidi tagħna. Zminijietna m'humiex żminijiet ta' ġlieda fil-beraħ kontra l-fidi nisranija, imma huma żminijiet ta' ġlieda minn taħt għall-qerda tal-valuri li huma l-pedament tat-twemmin li għalih San Ġorġ xerred demmu.

Il-festa għandha sservi ta' injezzjoni biex nilqgħu bla biża l-attakki fini fuq dawn il-valuri, attakki li qed isiru mill-meżżi tal-komunikazzjoni soċjali, kultant minn dawk il-barranin li jiġu jżuruna u minn setet li ġmielhom qed jixxettlu xi gżiritna. Dan għandhom ifissru għalina l-jiem tal-festa. Għandhom ikunu jiem ta' ferħ u briju, jiem ta' mistrieħ u radd ta' ħajr, imma għandhom ikunu fuq kollox jiem ta' riflessjoni dwar dak li San Ġorġ tant għożż u li għalih ma beżax jċarċar demmu u jitlef ħajtu għal Kristu.

**VIVA SAN ĠORĠ MARTRI**

# Żjara ta` gimgha fl-Art Imqaddsa



Il-ħolma saret realta'. Kien kmieni ħafna tat-Tnejn, 5 ta' Ġunju , meta ajruplan tal-AIRMALTA, ġera' b'saħħtu kollha fuq ir-runway u nqata' 'il fuq 'il fuq u erħilha jittajjar lejn l-Airport Ben Gurion, ġo Tel Aviv, fl-Iżrael. Fuqu fost il-ħafna passiġġieri kien hemm 45 persuna li kienu qed jiffurmaw parti f'Pellegrinaġġ organizzat mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, tal-Belt Victoria taħt it-tmexxija tal-W.R. Mons. Lawrenz Sciberras, Professur tal-Iskrittura Mqaddsa fis-Seminarju, kittieb ta' diversi kotba dwar l-Iskrittura, u Gwida Kwalifikat u Uffiċċjali għall-Art Imqaddsa.

Titjira ta' sagħtejn u nofs, u wara li ġew ikklerjati l-passaporti, tlaqna f'Coach lussuża lejn Nazareth, l-ewwel waqfa tagħna. Xenarju li jsaħħrek, ħdura mill-isbaħ taħt xemx tiżreġ. Nazareth, mibnija fuq ħotba ċkejkna imdawwra minn għoljiet ferm ikbar minnha. Djar bojod, mibnija mtarrġa mal-faldi tal-għolja. Moskej, sinagogi, u knejjes. Koppla li tiddomina kollox. Il-post tat-tħabbira ta' l-Anġlu Gabriel.

Interessanti s-Sinagoga fejn Ġesu' kien qara' mill-Ktieb ta' Iżaija l-Profeta. Sabiħa l-Knisja mibnija fuq id-dar ta' Ġużeppi l-mastrudaxxa; fiha għaxqa l-Knisja monumentali mibnija fuq il-post fejn Marija rċeviet l-istedina li tkun Omm il-Feddej. Saret quddiesa u tlabna flimkien propju fil-post tat-Tħabbira.

L-għada ġurnata li ma nista' ninsa qatt: quddiesa flimkien fil-Knisja tal-Beatitudnijiet, żjara lill-iskavi tal-Belt ta' Kafarnaum, id-dar ta' San Pietru, is-Sinagoga l-antika, l-Knisja tal-Blata, il-Knisja mibnija fuq il-post fejn saret il-multiplikazzjoni tal-ħobż u l-ħut. Irkibna d-dgħajsa u bħall-appostli qsamna l-għadira ta' Genażaret. Intfiet il-magna tad-dgħajsa, u f'dak is-skiet taqtgħu b'sikkina, qrajna u mmeditajna tlett siltiet dwar tlett ġrajjiet kbar li seħħew hemmhekk: it-twaqqif tal-maltempata, is-Sajda mirakuluża, u d-dehra ta' Ġesu lill-Appostli wara l-Qawmien.

Ikla ħut f'restaurant tipiku fuq ix-xtajta, u ġirja lura lejn ix-xmara Ġordan u l-post fejn Kristu tgħammed mill-Battista. Żjara u talba ġo Kana tal-Galilea, u żjara oħra lil Bir tal-Madonna, ġewwa Nazareth.

It-tielet jum żorna il-port ta' Ħajfa, u tlabna flimkien fil-Knisja tal-Karmelu. Rajna l-post minn fejn San Pawl beda l-vjaġġ tiegħu li kellu jwasslu sa' pajjiżna, u tlajna fuq il-Gholja tal-Karmel, filwaqt li qaddisna fil-Kripta ddedikata lil S Elija. Wara nofs in-nhar żjara memorabbli lit-Tabor. Hemm fuq f'dak il-għoli l-qalb tħossha ferm aktar qrib il-Mulej.

Sellimna lin-Nazareth biex bdejna l-vjaġġ tagħna lejn Ġerusalem. Għaddejna min Geriko, imlibbes għall-festa peress li dak in-nhar kienu qed jistennew lil Yasser Arafat, mexxej tal-Palestinjani.

Wasalna Ġerusalemm qrib nofs-in-nhar. Ġerusalem: belt qaddisa, mimlija kuntrasti, ilwien, ilħna u ħsejjes. Leħen il-Menużin kien jgħola 'il fuq mid-daqq tal-ħornijiet ta' mijiet ta' karozzi li kienu qed jippruvaw jgħaddu minn toroq miżgħuda b'eluf ta' nies.

Wara nofs in-nhar għamilna żjara twila lil Bethlem, kont ser ngħid il-Belt ta' San Ġorġ. U bir-raġun. M'hemmx dar waħda, m'hemmx knisja, hi fejn hi u hi ta' min hi li ma tarax ix-xbieha dominanti ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel. Żorna l-għar tar-rgħajja u qaddisna hemmhekk, u wara għamilna żjara lil Santwarju mibni fuq il-post tat-twelid tal-Messija. U dan mhux biss f'Betlem, iżda tista' tgħid f'kull post ieħor li żorna.

Matul il-ħames jum żorna l-Ġerusalem: iċ-Ċenaklu, il-post fejn mietet il-Madonna, il-post taċ-Ċaħda ta' Pietru, il-post ta' l-Axxenzjoni, il-Pater Noster, Dominus Felvit, u l-Gethsemani. Wara quddiesa li saret fil-kappella tal-Flagellazzjoni saret il-Via Crucis u tlabna flimkien fuq il-Kalvarju u kellna x-xorti nidħlu u nagħmlu ftit waqtiet ta' talb personali fil-Qabar ta' Ġesu'.

Is-Sibt għamilna ħarġa għal-Qumran u rajna l-post fejn instabu l-hekk imsejjħa id-"Dead Sea Scrolls", xi uħud minnhom niżlu jgħumu fil-Baħar il-Mejjet u għaddejna mill-ġdid Ġeriku għall-ikel. Fi Triqtna lejn Ġerusalem waqafna biex rajna l-Monasteru Antikissimu ddedikat lil San Ġorġ, mitluf qalb l-għoljiet tal-Ġordan. Saret quddiesa f'Betania, fid-Dar ta' Lażżru u ħutu.

Il-Ħadd qaddisna fuq il-Kalvarju u wara żorna Ain Karen: kemm il-post tal-laqgħa tal-Madonna ma' S. Elizabetta kif ukoll il-post tat-twelid ta'San Ġwann il-Battista. Żjarat oħra lil Wailing Wall, iż-żona tal-Lhud Ortodossi, Mt. Scopus, u postijiet oħra.

It-Tnejn filgħodu erġajna sibna postna fuq l-ajruplan li kellu jwassalna lura f'pajjiżna. Ilkoll għajjiena b'dak kollu li għamilna matul dik il-ġimgħa; ilkoll ferħana li kellna din ix-xorti kbira; ilkoll imkebbsa iżjed b'imħabba lejn il-Kotba Mqaddsa li issa bdejna narawhom b'mod differenti minn qabel; ilkoll konvinti li għad ġurnata oħra nerġgħu nirrepetu dan il-Pellegrinaġġ għażiż.

Grazzi speċjali lil Mons. Sciberras ta' dak kollu li għamel għalina; tat-tagħlim li tana, u talli irnexxielu jkabbar fina l-imħabba lejn Alla u lejn dawn il-postijiet għeżież li fihom terraq l-Imgħallem Divin, biex b'ħajtu, b'mewtu u bil-Qawmien tiegħu jifdina u jsalvana.

# LYDDA U SAN GORG

*Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

**L-Istorja ta' Lydda**

L-isem Lydda ġej mill-Grieg. Bl-Ebrajk Lod, hija belt Benjamina li tinsab fil-pjanura pittureska ta' Sharon, 18-il kolemetru (11-il mil) fin-nofs in-nhar ta' Joppa. L-isem jidher kmieni fi skrizzjoni ta' Thutmose III (1482-1450 Q.K.) f'Karnak fejn titniżżel fost l-ibliet tal-Palestina miżmuma mill-Eġittu. Fl-ewwel Kap. 8:12 il-bini tal-belt Israelita ta' Lod, ma Ono hija attribwita lil Shemed ta' Benjamin. Wara l-eżilju tal-Babilonja, familji minn Lod, Ono, Hadid ma numru ta' 725 eżiljati, reġgħu lura lejn il-belt tagħhom fl-521 Q.K. (Ezr. 2:33; Neh.7:37; 11:35). (1)

Minħabba li Lydda hija qrib tat-triq minn Joppa i tieħu fuq ilvant ta' Ġerusalemm kienet triq għall-bejjiegħa bejn il-Babilonja u l-Eġittu. Iġmla mgħobbija b'merkanzija rikka minn Baghdad, Aleppo, Damasku u r-reġlun 'l hemm mill-Galilea, u mharsa minn nies armati, kull h^n għaddejjin għal Shechem, u jistrieħu f'Lydda u Ono, u jgħaddu lejn Gaza u l-Egittu. Ġużeppi seta' kien meħud mill-Iżraeliti minn din it-triq. (2)

Il-manifattura u t-tiswija tal-bżonn għall-vjaġġ bħal xkejjer, sruġ u faxex tal-ġild ħolqu xogħol tas-sengħa fid-drapp, ġild, injam u metal u għamlu lil Ono ta' ħdejhom "Il-Wies tas-Sengħa". (Neh. 11:35). Matul il-Gwerer ta'l-Indipendenza tal-Lhud , l-assedji ta' spiss biddlu l-pussess illegali ta' Jaffa biex jagħmlu kuraġġ għall-mogħodija ta' ħwejjeġ bl-art sakemm taħt gvern iktar issetiljat, il-kummerċ naturalment għażel mod irħas bil-baħar. B'dan il-mod f'paċi neċessarja, barra l-qerda tal-gwerra, Lydda bħal Aleppo u bliet oħra li minnhom kienu jgħaddu l-karwani tax-xerrejja waqgħu fis-skiet u ma jservu għal xejn. (3)

**Riferenzi Għal Lydda Mhux Bibbliċi**

Lydda hija msemmija minn Josephus bħala waħda mill-ħdax-il ħakkiema jew kap ta' sezzjoni tas-saltna tal-Ġudea fejn kienet tieħu sehem Ġerusalemm. (B.J. III. iii.5). Ma Aphaerema u Ramathain ġiet meħuda mis-Samria u mogħtija lura Lil Ġerusalemm minn Dimetrius Nikator fl-152 Q.K. ( I Mak. 10. 11:34); (Jos. Ant. XIII. IV.9). In-nies tagħha ġew mibjugħa biż-żufjett fil-jasar minn Cassius u mogħotija l-liberta' minn Atonju (Jos. Ant. XIV, XI.2.xii.2.5). Cestius Gallus li ġab kastig u telfa fuq Joppa, ħaraq ukoll lil Lydda u qatel madwar Hamsin minn niesha, li l-maggoranza kienu nieqsa għall-festa tat-Tabernakli f'Ġerusalemm (Jos. B.J. II. xix. I.). (4).




Dritt wara ġiet mibnija u kienet belt ta' ħafna ġid u ta' importanza meta ġiet ċeduta lil Vespasianu fi triqtu għall-assedju ta' Ġerusalemm. 9Jos. B.J. VII.I). Madwar dan iz-żmien Lydda kienet famuza bħala post ta' tagħlim Rabbiniku. Fil-bidu taż-żmien tas-sekli Insara kienet ta' importnza suffiċjenti biex issir sede ta' l-isqof. L-Isqof tagħha ħa sehem fil-Konċilju ta' Nicea, u wara Pelagju deher quddiem l-assemblea ekkleżjastika fuq akkuża ta' ereżija, u fost għaggla konsiderevoli kiseb il-maħfra. (5)

**Lydda fit-Testment il-Ġdid**

Fit-Testment il-Ġdid Lydda kienet parti mill-ħakma diretta tas-Sinedriju, u l-Vanġelu xtered minħabba li kienet fil-qrib. Hekk li Pietru sab diġa' komunita' mwaqqfa u fejjaq wieħed paralitiku Aeneas (Atti. 9. 32-35).(6) Pietru wkoll kien ġie msejjaħ ħdejn Joppa fuq il-mewt ta' Tabitha (Atti.9.38) (7).

Il-kaskati ta' l-ilma barra l-belt jingħad li għadha ġġib l-isem ta' "Abibutrus" (Pietru), b'tifkira ta' l-Appostlu. Meta ġiet imfarrka minn Vespasianu probabbli li ma nbnietx sa żmien Hadrijanu meta ħadet l-isem ta' "Diospolis). Meta kiteb Ewsebju (A.D. 320-330) Diospolis kienet belt magħrufa u iffrekwentata ħafna, (8). Lydda saret ċentru ta' kummerċ ta' ilbies rjali aħmar li jagħti fil-vjola. Il-Ġudaismu għeb minn din il-belt imma l-Kristjaneżmu kompla jgħix. (9). Fi żmien tat-Testment il-Ġdid l-għejjun Lhudija juru l-importanza tal-belt imsejħa Lydda. Kellha suq kbir, u kienet magħrufa għat-trobbija tal-bhejjem, insig, u l-industrija tal-fuħħar. (10)

**Lydda u l-Qabar ta' San Ġorġ**

L-interess Kristjan f'Lydda jikkonċentra madwar San Ġorġ. Ma hemmx eroj li miegħu niltaqgħu fil-Palestina u speċjalment fil-Lvant tal-Ġordan daqs San Ġorġ. Fost il-qaddisin ma hemm ħadd bi storja daqs San Ġorġ li minn bidu mudlam mhux biss sar Patrun ħaj tal-Kristjaneżmu Sirjan u oġġett ta' qima Musulmana, imma wkoll Patrun ta' l-ikbar popli Kristjani tal-Punent. San Ġorġ ta' Lydda huwa San Ġorg tal-Ingilterra; huwa wkoll meqjum fil-leġġenda Musulmana. It-triplu tal-fama hija frott tal-martirju lejliet ir-rebħa tal-Kristjaneżmu. Għall-Knisja bikrija "Ġorġi" huwa l-Magalomartri u t-"Tropaiophorus" - ir-Rebbieħ. (11)

San Ġorġ tagħna kien suldat ġej minn familja nobbli u serva bħala 'Tibun' fl-armata ta' Dioklezjanu. Fis-sena 303 W.K. sofra l-martirju. Skond xi kittieba Lydda rat ix-xena tal-martirju, oħrajn ipoġġu hemm il-'Ġid' tal-familja. Lydda rċeviet ir-relikwiji tiegħu u matul is-sekli pellegrini marru fuq il-qabar tiegħu fil-belt. (12)

Skond tradizzjoni lokali San Ġorġ, il-glurjuż martri tal-Kappadoċja, tnissel minn Lydda. Fuq il-fdalijiet tiegħu miġjubin minn Nikomedija ġiet mibnija knisja mfakkra fid-dokumenti Seklu V. (13)

F'Lydda, (Diospolis), fil-Palestina, il-qabar ta' San Ġorġ kien meqjum sa mill-qedem, kif nafu minn Teodosju Peregita, li għex madwar is-sena 530 (De situ terrae sanctae, F'CSEL, (Corpus Scriptorum Ecclesiasticum Latinorum) Vienna 1898 p. 139: "*In Diaspolim, ubi Sanctus Georgius martyrizatus est; ibi et corpus ejus est et multa mirabilia fuint*". "Fid-Diaspolis fejn San Ġorġ ħa l-martirju; hemm hekk hemm ġismu fejn isiru ħafna għeġubijiet". (14).

Il-fdalijiet tal-Bażilika li ġiet mibnija minn Kostantinu stess, kif jaħsbu ħafna, għadhom jidhru sallum. Nafu li din il-Bażilika ġiet mibnija qrib il-mewt tal-qaddis Ġorġi. (15).

"L-eżistenza ta' San Ġorġ u l-martirju tiegħu huma ppruvati mill-qima li ġiet mogħtija lilu sa miż-żmien l-iktar imbiegħed". (16)

*Ikompli f'paġna 5*

# San Ġorġ - Il-Qaddis li Obda



Kien għadu fuq l-għatba taż-żogħżija.
Ltim minn ommu u missieru.
Jitla' fuq il-quċċata tal-Golgotha,
maħsul bid-demm ta' Kristu s-Salvatur.
U wieqaf, imbellah, iħares lejn dak il-post imqaddes
l-artal tal-fidwa tagħna l-bnedmin:
Ġorġi ta' Lidda jisma' leħen, anzi l-LEĦEN IL-MAĦBUB.
U dak il-Leħen sejjaħlu b'ismu, u qallu:
"Ġorġ, irridek timxi warajja!"
U ż-żagħżugħ Anici, tenna l-kelmiet:
"Jien hawn!"

U qatt aktar ma ħares lura.
U qatt aktar ma ġie fuqu l-iċken rimors.
U qatt aktar ma sogħbih għal dak li wiegħed.

Imdawwal minn Kristu,
imsaħħaħ bl-Ispirtu Qaddis,
imwettaq bil-qawwa ta' Alla,
jirriskja l-karriera,
iċanfar lil Deoklezjanu,
u jqatta' d-Degriet
li kien jeħodha kontra l-Insara.

U jibda' l-Kalvarju
tas-swat, ta' nar, ta' xfafar misnuna.
U Ġorġi jobdi
u jerfa' salibu,
biex jimxi wara Kristu.
Għażel jobdi lil Imgħallem
minflok l-Imperatur.

U obda sa l-aħħar.
Obda u tela' fuq l-għolja.
Obda u midd rasu fuq daqsxejn ta' kolonna.
Obda u ħass xafra kiesħa
nieżla b'saħħitha fuq rasu żagħżugħa.
Obda u demmu ċċarċar.....
Obda u offra lilu nnifsu 'l Alla
Obda u Alla ppremjah
U tellgħu fis-Sema
biex hemm isaltan għal dejjem.

Qaddis Kbir għax għalih
l-ewwel kienet tiġi l-Knisja....
ir-rieda ta' Alla.

U int x'jiġi l-ewwel f'ħajtek?
Staqsi lilek innifsek:
"X'inhi r-rieda ta' Alla għalija?"

Int ukoll, Alla għażillek it-triq
li minnha għandek tgħaddi.
Raġel miżżewweġ
Mara Mizzewġa
Ġuvni..........Xebba........

Int ukoll imsejjaħ biex dmirek tagħmlu sewwa.
Bil-galbu
Mhux biss meta għandek aptit.......
Mhux biss meta jogħġbok.....
Mhux biss meta kollox sew.......

IMMA DEJJEM.........anke fl-iebes
anke meta ma jogħġbokx.

Forsi kultant tibża', thoss il-piż tqil.
Taqtax qalbek.
Ħares lejn San Ġorġ.
Jagħmillek ħafna kuraġġ.

## LYDDA u SAN GORG

*jaqbad minn paġna 4*

San Ġorġ kien meqjum mill-antikita' sewwa fil-Lvant u sew fil-Punent (Calendarium Romanum. Stamperija Vatikana, Ediz. 1969. p.91). Is-santwarju mibni fuq il-qabar f'Lydda (Diospolis) huwa post ta' ħafna pellegrini mis-seklu IV. (Ara CSEL, 39, p.139,176., vp.288ss.). (17)

Taħt il-ħakma Musulmana Lydda kienet provinċja kapitali u ftaħret b'moskeja manjifika. Matul dan iż-żmien il-belt saret famuża minħabba San Ġorġ, li skond it-tradizzjoni ġie martirizzat hemm fis-sena 303. L-ikbar knisja nisranija ġiet imfarrka mill-Misilmin, imma meħuda mill-Kruċjati li bnew Katidral ġdid fuq il-QABAR ta' San Ġorġ. Il-katidral ġie mħarbat minn Saladin fl-1191 u minn Mongola fl-1271. L-Għarab irrestawraw il-belt fl-isem oriġinali tagħha u semmewha Ludd. (18)

Sa mit-tieni seklu l-quddiem Lydda ġiet imsejħa "Diospolis" u l-isem qadim tagħha qatt ma twarrab. (19)

### Riferenzi:


1. The International Standard Bible Encyclopedia. Vol. 3 K-P. p.150
2. J. Hastings M.A.,D.D., A Dictionary of the Bible. Vol.III. Kir.-Pleiades.p.131.
3. Ibid. p.131
4. Ibid. p.131.
5. Ibid. p.131
6. L. Monloubou F.M. Du Buit. Dizionario Biblico-Storico/Critico. p.579
7. Tne International Standard Bible Encyclopedia Vol.3. K-P.p.151
8. William Smith, LL.D., Smith's Bible Dictionary. 358
9. The International Standard Bible Encyclopedia Vol.3 K-P, p.151
10. The Marshal Pichering Encyclopedia of the Bible. Vol 2 J-Z. p.1345
11. George Adam Smith. The Historical Geography of the Holy Land. pp.121-122.
12. Ibid p.122
13. P. Donato Balbi OFM. Guida di Terra Santa. p.204
14. Bibbliotecha Sanctorum. Vol. Vi.p.512
15. Ibid p.512.
16. Eugenio Pilla S.D.B. Encicolpedia dei Santi. 23 Aprile.p.208
17. Calendarium Romanum. 1969. p.91.
18. The International Standard Bible Encyclopedia. Vol.3. K-P.p.151
19. J. Hastings.M.A.,D.D., A Dictionary of the Bible. Vol III. Kir-Pleiades.p.131. ■

# F'EGĦLUQ IL-25 SENA MILL-MEWT TA' L-EWWEL SORU GĦAWDXIJA SALEŻJANA

Sister Georgia Micallef F.M.A. twieldet fid-19 ta' Ottubru 1925, fl-isptar il-qadim f'Victoria, bint Toni u Maria nee' Attard, ir-raba' tifla f'familja ta' għaxra.. Ġiet mgħammda fl-istess jum fil-Bażilika ta' San Ġorġ mill-Arċipriet Alphons Maria Hili u l-parrinijiet tagħha kienu Dun Pawl Micallef u oħtu Marija.

Ta' erba' snin telqet mix-Xagħra u marret tgħix mal-familja ta' nannitha fi Triq l-Isqof Pietru Pace, wara San Franġisk, ir-Rabat. L-Ewwel Tqarbina rċevietha minn idejn zijuha Dun Pawl u fl-24 ta' Mejju 1933 irċeviet is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof, minn idejn Mons Mikiel Gonzi, dak in-nhar Isqof t'Għawdex. Il-parrina tagħha fil-Griżma kienet Miss Marija Grima, għalliema li kienet oħt l-aħwa Mons Gulielmu, Dun Anton, Dun Ġużepp u Patri Galanton OF<M Conv.L-ewwel għalliema tagħha fl-iskola Primarja tar-Rabat kienet Miss Vena Xiberras, mix-Xagħra, li għadha ħajja sallum.



*Suor Georgia flimkien ma wieħed minn ħutha u n-neputi tagħha, illum il-Kan Dun Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali fil-parroċċa tagħna*

Fid-dar tan-nanna kompliet tikber fiżikament u spiritwalment u mingħand Dun Pawl wirtet l-imħabba lejn Don Bosco u lejn Marija Għajnuna ta' l-Insara. Dun Pawl Micallef, kif jaf kulħadd huwa l-fundatur ta' l-Oratorju Don Bosco.

Hija għamlet l-aspirantat tagħha ġo Katanja fid-Dar Maria Ausiliatrice ta' Via Caronda, dar mibnija minn Suor Maddalena Morano li ġiet beatifikata mill-Papa preżenti fil-5 ta' Novembru 1994. Hija għamlet il-professjoni reliġjuża fl-1951. Wara hija ġiet mibgħuta fl-Istituto Spirito Santo ġo Acireale. Hija kienet soru bieżla ferm u meta talbet, wara li ħadet il-voti perpetwi, biex tmur taħdem fil-missjoni, it-talba tagħha ma ġietx milqugħa.

Għamlet sena bħala Direttriċe fid-Dar tas-Sorijiet Sależjani fir-Rabat Għawdex u wara marret fid-Dar Nostra Signora di Fatima f'Sirakuża, li hija skola tas-snajja' fejn isir tagħlim tad-disinn, ħjata, pittura, ċeramika u mużajk. Fl-10 ta' Frar 1970 telqet għad-Dar ta' Don Bosco f'Barriera, qrib Katanja, fejn mietet fit-2 ta' Lulju ta' l-istess sena.

Il-feneral tagħha kien il-glorja tagħha, fejn mijiet ta' studenti u ex-studenti ħadu sehem. Suor Georgia tibqa' imfakkra bħala l-ewwel soru Sależjana minn Għawdex.

## IL-KELMA TA' L-ARĊIPRIET

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

Awstralja. Familji sħaħ jiġu u jżuru lill-qrabathom. Barranin li jiġu espressament għall-Festa. Turisti jgħoxew wara l-Festa ta' San Ġorġ. Dan kollu għandu jgħaqqadna flimkien.

Għalhekk jeħtieġ li nagħmlu ħilitna kollha biex inwarrbu dak kollu li jista' b'xi mod iweġġa' lil ħaddieħor. Dawn huma affarijiet li ma għandhom x'jaqsmu xejn la mal-Festa u l-anqas ma' l-imħabba tagħna lejn San Ġorġ.

Jidhirli li jekk matul il-jiem tal-Festa nirsistu biex inwettqu dawn it-tlett affarijiet, allura nkunu nistgħu verament ngħidu li: "Għandna Festa mill-Isbaħ!"

Dan hu li minn qalbi nixtieqilkom: Festa mill-Isbaħ!

*Mons. Salv Borg*
Arċipriet

## VENTARTAL ĠDID GĦALL-FESTA



*Fl-okkażżjoni tal-festa ser jiżżanżan ventartal ġdid tal-bellus aħmar irrakmat bid-deheb fl-artal ta' San Lażżru. Id-disinn sar mis-Sur Carmelo Tabone u x-xogħol tar-rakkmu nħadem ir-Rabat Malta mis-Sinjorina Marion Cefai. L-ispejjez kollha tħallsu minn benefattur li ma xtaqx juri ismu.*



## Rokna ghal-Tfal

*Għeżież Tfal,*

*Għaddiet sena minn meta ċċelebrajna flimkien il-festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ. Iva, din il-festa hekk għażiza għalina l-Ġorġjani reġgħet waslet. għandi naħseb li bħalissa intom tinsabu tħejju bil-kbir għal din l-okkażżjoni sabiħa. U tħejju mhux biss għall-festa ta' barra, marċijiet u x'naf jien, imma wkoll għall-festi tant solenni li jiġu ċċelebrati fil-Knisja. Ma rridkomx tinsew il-ġurnata dedikata lilkom it-tfal, il-Ħamis 13 ta' Lulju meta fil-5.00pm Mons. isqof iqaddes għalikom, ikellimkom, u jippremja lill-aħjar tifel u tifla ta' kull Ċentru tad-Duttrina.*

*Ħaġa oħra: issa l-eżamijiet annwali ghaddew u qed taħsbu biex tmorru tqattghu l-vaganzi tas-Sajf tagħkom Marsalforn jew ix-Xlendi. Qisu li l-kotba ma twarrbuhomx minn taħt għajnejkom, għax inkella tinsew kollox u dak li tkunu tgħallimtu matul is-sena, itir mar-riħ u jisfa' fix-xejn.*

*U issa niġu ghall-istorja tas-soltu.*

*F'Kunvent tal-Patrijiet, il-Pirjol kien ftit inkwetat għax kien hemm xi firdiet bejn il-patrijiet. Kulħadd iridha tgħaddi tiegħu u jaqdef għal rasu. Iddeċieda li jmur ikellem lil eremita qaddis li kien jgħix f'għar mhux wisq 'il bogħod biex forsi jagħtih xi parir kif jista' jnissel aktar imħabba u għaqda fil-kunvent.*

*L-Eremita laqgħu bil-qalb u qallu:*

*"Veru qed tinkwetani tgħidli li hemm il-firda u n-nuqqas ta' imħabba fil-kunvent tiegħek. Naf ċert li fostkom, fil-preżent, qed jgħix Ġesu', moħbi taħt l-ilbies ta' wieħed mill-patrijiet".*

*Il-Gwardjan ma setgħax jemmen. Beda jġib quddiem għajnejh il-patrijiet tiegħu u f'kull wieħed seta' jara xi difett. Imma kellu fiduċja fl-eremita u għalhekk aċċetta kliemu u telaq lura lejn il-Kunvent. Laqqa' malajr il-patrijiet u qalilhom b'dak li kien infurmah l-eremit.*

*Minn dak in-nhar, l-imġieba tal-patrijiet bejbiethom tbiddlet bħal-lejl min-nhar għax kollha bdew jibżgħu li l-patri li mieghu kienu jitkellmu kien Ġesu' moħbi taħt il-libsa ta' Patri Klement..... jew ta' Patri Ġann....... jew ta' Fra Feliċ....... jew ta' xi wieħed mill-patrijiet l-oħra. U malajr din l-imġieba nisslet fil-kunvent spirtu ġdid...... ta' għaqda.... ta' familja. L-eremita kien sabilhom is=soluzzjoni.*

*Ara, qatt, tfal tiġġieldu bejnietkom. Kunu dejjem ħbieb ta' xulxin.*

*Iddevertu! Viva San Ġorġ! Il-festa t-tajba lilkom ilkoll.*

*Tata'*

**IZ-ZIJU PEPPI**

# INSELLMU LIL DON EGIDIO VIGANO'

Nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju 1995, twasslet l-aħbar li kien miet Don Egidio Vigano', Rettur Maġġjur tas-Salesjani ta' Don Bosco, is-Seba' Suċċessur ta' Don Bosco. Kellu 74 sena.

Don Vigano' għandu rabta mill-qrib mal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Huwa kellu kliem ta' tifħir għal Kor tal-Parroċċa tagħna "Laudate Pueri", meta dan il-Kor kien ħa sehem fl-1 Kungress Internazzjonali tal-Ex-Allievi ta' Don Bosco, li kien sar ġewwa Ruma f'Novembru 1988. Huwa kien żar ukoll il-Bażilika ta' San Ġorġ, is-Sibt 7 ta' Jannar 1989, fejn wara li kien iltaqa' mal-Kapitlu Ġorġjan, u ddawwar mal-Bażilika, kien kixef monument b'bust ta' Don Bosco, ħdejn il-bieb taċ-Ċentru Parrokkjali, biex ifakkar iċ-Ċentinarju ta' Don Bosco, kif ukoll l-ewwel Oratorju li kien jinsab daqs tefa' ta' ġebla l-bogħod mis-sagristija ta' San Ġorġ.

Il-Kapitlu, l-Presbyterium Parrokkjali kif ukoll il-komunita' Parrokkjali turi s-sogħba tagħha fil-mewt ta' Don Vigano' u twiegħed it-talb b'suffraġju għal ruħu.



*Ritratt:* Don Egidio Vigano' (fuq ix-xelleg) ma ġenb Mons. Arċipriet qabel inkixfet il-lapida li tfakkar il-100 sena mil-mewt ta' Don Bosco u l-ewwel Oratorju fir-Rabat.

# Cassette Tape ġdid mill-Banda Ċittadina La Stella

*Il-Banda Ċittadina La Stella għadha kif ħarġet Cassette Tape ġdid fl-okkażżjoni tal-Festa tal-Qaddis Patrun t'Għawdex, San Ġorġ Megalomartri, li ser tiġi ċelebrata fil-Belt Victoria nhar il-Ħadd 16 ta' Lulju.*

*Il-Cassette jinkludi s-sett ta' marċi ġodda li l-Banda se ddoqq għall-okkażżjoni. Uħud mill-aqwa kompożituri tal-marċi Maltin għandhom isimhom reġistrat f'dan il-Cassette, fosthom l-istess Surmast Direttur tal-Banda, Joseph Vella, b'marċ li jfakkar għeluq il-25 sena li ilu jidderieġi din il-Banda ewlenija t'Għawdex.*

*L-għaxar marċi l-oħra huma kitba ta' Joe Galea, Emanuel Bugeja, Anthony Aquilina, John Theuma, Ray Sciberras, Paul Schembri, Henry Attard, Francis Zammit u Archibald Mizzi [2].*

*Il-Cassette jiġbor fih ukoll l-Innu immortali "A San Giorgio Martire", komposizzjoni ta' Giuseppe Giardini Vella u l-Innu Marċ popolari "Lil Kbir Martri San Ġorġ" ta' Vincenzo Ciappara.*

*Dan il-Cassette Tape, it-22 wieħed maħruġ minn din is-Soċjeta' Mużikali, jinsab għall-bejgħ mill-Każin tal-Banda La Stella u mill-ħwienet ewlenin tad-diski f'Malta u Għawdex.*




## IMFAKKAR GĦELUQ IT-800 SENA MIT-TWELID TA' SANT' ANTNIN

L-1995 hija bla dubju sena speċjali għall-Ordni Franġiskan. Dan peress li f'din is-sena qed jiġi mfakkar għeluq it-800 sena mit-twelid tal-Qaddis ta' Padova, Sant' Antnin.

Fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani fil-Belt Victoria, fejn dan il-Qaddis huwa meqjum bl-akbar devozzjoni, dan l-avveniment ġie mfakkar f'żewġ okkażżjonijiet differenti, imkabbrin bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella.

Il-Ħadd, 5 ta' Marzu 1995, żewġ Reliwiji Insinji tal-Qaddis inġiebu Għawdex għall-venerazzjoni tal-fidili. Il-Banda La Stella laqgħet il-wasla tar-relikwiji fil-Belt Victoria bid-daqq ferrieħi tal-marċi u wara nofs in-nhar akkumpanjat il-Purċissjoni li saret bir-Relikwiji fit-toroq ewlenin ta' Beltna.

Fl-okkażżjoni tal-Festa Liturġika, nhar is-Sibt 10 ta' Ġunju 1995, saret purċissjoni devota bl-istatwa tal-Qaddis, akkumpanjata bid-daqq ta' innijiet reliġjużi mill-Banda La Stella.

Bħala tifkira ta' dan iċ-Ċentinarju l-Banda iddedikat wieħed mill-marċi l-ġodda li ser iddoqq fil-Festa ta' San Ġorġ ta' din is-sena f'ġieħ Sant'Antnin; fil-fatt il-marċ miktub minn Francis Zammit ingħata l-isem ta' Sant'Antnin: 1195-1995.

## Kellimni



Għalkemm iż-żjara ħdejk għalija rari
illejla ġejt narak, qaddis ta' Lidda,
biex għal waqtiet nitkellmu bla ninstemgħu
min-nies f'dat-tempju.

Kellemni dwar din l-art li tbiddlet ħesrem,
kellemni dwar il-fidi llum f 'pajjiżna,
kellemni dwar il-knisja differenti,
kellemni dwar it-toroq bla jingħarfu,
kellemni dwar il-ħajja sielma t'ilu.
Kellemni dwar it-tfal li rajt jitgħaddamdu,
dwar żgħażagħ fqar li kibru, mardu w xjieħu,
dwar l-aħħar ċerimonja funerarja
fi tmiem ħajjithom.

Kellemni mingħajr dmugħ għax nibki miegħek
u ftakar sew li bħalhom jien għad nitlaq
lejn ħajja oħra.

Kellemni kif trid int, biss għidli kollox
u nibqa' sieket.

*Charles Bezzina*

A&M PRINTING LTD. - QALA - 553217